MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Numru. 872/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Tony Cachia]**

**vs**

**Philip Gauci**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Philip Gauci detentur tal-karta tal-identita` numru 238555(M).

Akkuzat talli:
a) nhar il-21 ta’ Jannar 2011, ghall-habta ta’ 19:50hrs, Triq Mdina Zebbug, fil-waqt li kien qed isuq vettura b’numru tar-registrazzjoni EBM 392, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, u b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Mary Anne Zammit skont kif iccertifika Dr. Mark Schembri mill-Isptar Mater Dei.

b) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq il-vettura b'numru tar-registrazzjoni EBM 392 b'manjiera traskurata, perikoluza, u bla kont.

Semghet l-ammissjoni tal-akkuzat fl-udjenza tas-16 ta' April 2012, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu; u

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 226 (1)(b) tal-Kapitolu 9, Artikolu 15(1) (A) tal-Kapitolu 65 ssib lill-imputat hati u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena u sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal tlett (3) xhur li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 u wara li semghet lill-imputat fix-xhieda tieghu qed jigu redotti ghal tmient (8) ijiem dekorribbli min-nofs il-lejl ta' ghada.

Finalment, spjegat fi kliem is-semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------